MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2010

Talba Numru. 299/2008

**Raymond Mckay ID-394261M**
**vs**
**Benjamin Mckay**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' April 2008, fejn intalab sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' €3,494.06c (tliet elef erba mija u erbgha u disghin ewro u sitt centezmi) rapprezentanti prezz ta' xoghol u ta' materjal ordnat mill-konvenut u esegwit mill-attur skond is-sengha u l-arti.

Bl-ispejjes inkluz ta' l-ittra bonarja tat-28 ta' Marzu 2008 u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 12 ta' Mejju 2008 fejn ikkontesta t-talba attrici fis-sens illi x-xoghol esegwit kellu jkun gratuwitu u fi kwalunkwe kaz ma kienx kompletat u

ma sarx skond is-sengha u l-arti. Finalment gie eccepit ukoll li l-kont kien esagerat.

Ezamina l-provi migjuba mill-partijiet inkluz id-dokumenti esebiti.

Sema t-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Fl-affidavit tieghu, l-attur jispjega li l-konvenut li jigi z-ziju tieghu kien inkarikah sabiex jahdimlu fuq kamra tal-banju u kcina. Fil-kamra tal-banju kellu jaqla l-antika, jqieghed il-madum il-gdid u jinstalla shower cubicle filwaqt li fil-kcina kellu jinhadem bank mill-gdid. Kien inkarikat ukoll biex jisbarazza kollox il-barra. Ebda prezz ma kien gie pattwit il-ghaliex il-konvenut kien wieghed li ser ihallas il-kont li jinghata hekk kif jispicca x-xoghol. Illi ghalhekk l-attur kompla spjega li xtara l-materjal minn butu biex iwahhal il-madum cioe xtara madwar 15 il-xkora xahx, siment u ramel filwaqt li l-konvenut xtara il-madum u l-injam tal-kcina. Beda mill-kamra tal-banju fejn dam madwar hmistax il-gurnata jaqla l-antik u u jwahhal il-gdid. Ta’ dan ix-xoghol kien qed jippretendi li jithallas €931.75c. Skond l-attur il-konvenut kien ghogbu x-xoghol tant li qallu biex ikompli ghaddej bil-kcina. Dan ix-xoghol tal-kcina sar kollu taht id-direzzjoni tal-istess konvenut. Meta kien ghad fadallu biss iwahhal il-bibien tal-cupboards ta’ isfel, il-konvenut kien waqqfu il-ghaliex ma riedx li jkun hemm rieha ta’ spray peress li kienet gejja ohtu mill-Ingilterra toqghod mieghu. Peress illi anke l-konvenut kien ser isiefer ghal madwar tliet gimghat dan qallu li kien ser icempillu biex ikompli hekk kif jirritorna. Meta fil-fatt gie lura u qallu biex ikompu l-attur qallu biex jistenna xi hmistax ohra peress li kien qed jahdem ghand ibnu li kien ser jizzewweg. Kien hawn fejn kissruha l-kontendenti tant illi apparentement il-konvenut kompla biex qabbad lil haddiehor ikompli x-xoghol. Meta l-konvenut gie avvicinat biex ihallas tax-xoghol, dan wiegbu ta’ xiex. L-attur ikkalkola li x-xoghol fuq il-kcina kien jiswa madwar €2,562.31c. In segwitu meta l-attur kompla jinsisti ghal

hlas, il-konvenut beda jippretendi li x-xoghol sar b'xejn minnhabba l-parentela ta' bejniethom. In kontro-ezami l-attur jerga jafferma li ma kienx minnu li x-xoghol kien gie esegwit minnu fuq offerta tieghu stess, cioe gratis. Ighid li huwa minnu li l-konvenut darba minnhom kien qdieh fuq problema li kellu fuq ix-xoghol pero ma kienx minnu li ta' daqshekk offrielu li jahdem b'xejn. Ighid ukoll li kien minnu li waqt il-kors tax-xogholijiet kien staqsa lill-konvenut biex isib ix-xoghol ghal ibnu u li fil-fatt tassew ipprova ighinu pero jichad li ghal daqshekk kien qed jahdimlu b'xejn. Anzi meta kien jitolbu l-hlas il-konvenut baqa li kien ser jaghtih xi haga lill-attur pero spicca biex qatt ma hallas xejn u ghalhekk kellha ssir l-odjerna kawza. Fil-kamra tal-banju huwa hadem it-'tiling' kollu. Tqeghid tas-sink, toilet u shower kellu jsir mill-plumber filwaqt li kien ghad fadal ukoll x'isir it-'tiles' mad-dawra tat-tieqa peress li dawn setghu jitqieghdu biss hekk kif titpogga t-tieqa tal-aluminium li kienet ordnata. Jerga jafferma li fil-kcina kien ghad jonqos biss li jitwahhlu l-bibien mac-cappetti bil-viti. Meta mitlub jistma il-kamra tal-banju in kontro-ezami huwa vvaluta x-xoghol tieghu fl-ammont ta' €815.28c flok €931.75c kif afferma in ezami.

Marlene Mckay, mart l-attur tafferma li gieli kienet prezenti meta zewgha kien qed jahdem ghand zijuh u fil-presenza taghha, dan ta' l-ahhar kien ifahhar ix-xoghol ta' zewgha. In kontro-ezami hija tafferma li kienet taf li zewgha kien talab xi pjaciri minghand il-konvenut qabel ma beda jahdimlu u dana peress li kellha z-zewg uliedha ma jahdmux u kif ukoll il-ghaliex zewgha kien ghadu kemm qala transfer fuq xogholu. Tammetti li zewgha xtaq li jirringrazzja liz-ziju pero b'daqshekk ma jfissirx li kien ser jahdimlu b'xejn.

Il-konvenut fl-affidavit tieghu jghid illi huwa kien irrangalu lill-attur sabiex jigi kkancellat it-transfer li kien qala fuq il-post tax-xoghol. Waqt li kien qed jirrangalu fuq it-transfer gie d-diskors fuq il-hsieb li kellu l-istess konvenut biex jibdel il-kamra tal-banju u l-kcina. Fil-pront l-attur offra li jahdimhom hu b'xejn bil-patt li l-materja jixtrieh l-istess konvenut. Il-konvenut ighid li huwa kien accetta din l-offerta tant rah herqan lill-attur biex jaqdih ghalkemm

proprjament il-konvenut originarjament xtaq li jixtri l-lest. L-attur beda jahdem f'daru kif miftiehem wara u l-konvenut xtralu l-materjal tal-kcina u l-madum u l-accessorji tal-kamra tal-banju. Lill-attur kien jigbru hu mid-dar u anke jiehdu lura. Waqt ix-xoghol kien anke jgiblu affarijiet ta l-ikel u biex jixrob. Kien jahdem erbat ijiem jahdem is-sighat li joghgbu l-attur u mbaghad jitlaq u jerga jigi meta jfettillu. Fl-istess zmien l-attur kien qallu li kien anke qed jahdem ghand it-tifel tieghu li wasal biex jizzewweg. Dam madwar tliet xhur jahdem hekk b'din is-sistema. Waqt li l-attur kien ghadu qed jahdem fid-dar tal-konvenut, dan ta' l-ahhar rega gie mitlub mill-attur sabiex jipprova jirrangalu biex it-tifel tieghu jidhol mal-pulizija. Ghalkemm il-konvenuti rega pprova jirrangalu, f'din l-okkazzjoni pero ma rnexxilux peress illi t-tifel ma kellux bizzejjed kwalifiki akkademici. Meta il-konvenut siefer lejn l-Ingilterra ghal gimghatejn il-kontendenti kienu miftiehma li l-attur kellu jisssokta fix-xoghol hekk kif il-konvenut jirritorna lura. Meta l-konvenut irritorna lura minn barra pero, l-attur baqa ma kompliex jahdem u nonostante nsistenza da parti tal-konvenut, l-attur irrifjuta ghal kollox biex ikompli jahdimlu. Illi ghalhekk il-konvenut iddecieda li jqabbad nies ohra biex ikomplu fejn halla l-attur. Ftit taz-zmien wara avvicinah l-attur li talbu l-hlas ghax-xoghol li hadem pero w l-konvenut ighid li wiegbu li l-ftehim kien li ser jahdimlu b'xejn.

Il-konvenut ikompli jafferma li kien minnu li l-attur kien lahaq wahhal il-madum tal-kamra tal-banju hlief dawk madwar it-tieqa u dawk madwar is-'sliding door' tax-'shower'. Dwar il-kcina, l-konvenut jafferma li l-attur kien lahaq lesta l-qafas kollu tal-kcina lkoll pero minghajr bibien u kxaxen. Ighid pero li l-mastrudaxxa l-gdid li qabbad, certu Micallef kien qala kollox li lahaq bena l-attur u rega rama l-kcina mill-gdid fi zmien gimghatejn. Fuq talba ta' l-attur il-konvenut tah ukoll geyser li kien ghadu jahdem u tavla shiha.

In kontro-ezami l-konvenut ikompli jinsisti li kien l-istess attur li offra li jahdimlu b'xejn u dana ghax offra hu pero u mhux il-ghaliex il-konvenut kien qed iressaq tali pretenzjoni bhala tpacija ghal pjaciri li ghamillu jew ipprova jaghmillu.

Louis Caruana xhud prodott mill-konvenut jikkonferma li l-attur kien ghamel zmien qed jaqla l-madum tal-kamra tal-banju tal-konvenut waqt li hu kien qed jaqla d-‘drains’. Darba fost l-ohrajn ighid li l-attur kien semmielu li hu kien qed jahdem ghand il-konvenut senza nteressi. Meta spicca minn hemm l-attur, kompla jahdem dan ix-xhud li hadimlu lill-konvenut minghajr ma talab hlas minhabba l-parentela ta’ bejniethom.

Fl-affidavit taghha Vincenza Gatt li tigi oht il-konvenut u z-zija tal-attur u li tghix l-Ingilterra, darba minnhom cemplet lill-konvenut id-dar tieghu u minflok irrispondiha l-attur li qalilha li kien qed jahdem fid-dar ta’ zijuh u li kien qed jaghmillu x-xoghol b’xejn. Meta staqsiet lil huha dwar dan, il-konvenut qalilha li kien minnu bhala sinjal ta’ ringrazjament ghal pjacir li kien ghamillu.

Joseph Mary Borg xhud iehor prodott mill-konvenut ukoll jafferma bil-gurament tieghu li l-attur stess kien qallu li kien qed jahdem b’xejn ghand zijuh.

Mill-assjem tal-provi prodotti inkluz mill-kontro-ezami tal-konvenut ghandu jirrizulta illi bejn wiehed u iehor ma hemmx wisq divergenza bejn il-kontendenti dwar kemm lahaq hadem xoghol l-attur. Il-kwistjoni ta’ bejniethom tinsab biss fil-fatt jekk hux tassew li l-attur offra li jaghmel il-mano d’opera b’xejn bhala gest ta’ ringrazzjament ghall-interventi tal-konvenut jew inkella kienx hemm dejjem l-intenzjoni li l-attur kellu jithallas ta’ xogholu. Hija kwistjoni purament ta’ kredibbilita liema fattur jista jigi stabbilit mhux biss mill-mod u manjiera ta’ kif xehdu l-kontendenti izda wkoll il-kontenut ta’ l-istess xhieda taghhom u dana oltre l-korroborazzjoni o meno ta’ xhieda ohra u provi ohra cirkostanzjali.

Illi fil-kunsiderazzjonijiet tieghu t-Tribunal jinnota s-segwenti:-

1. Il-parentela mill-qrib bejn il-kontendenti.
2. Id-differenza fl-eta tal-istess kontendenti.

3. Il-fatt li qabel ma beda x-xoghol qatt ma gie pattwit xi prezz jew xi forma ta kumpens jew xi stimi;
4. L-attur beda jahdem ghand il-konvenut wara li l-attur kien l-ewwel avvicina lil zijuh biex ighinu fuq it-transfer;
5. Il-konvenut qeda definittivament lill-attur fuq il-kwistjoni tat-transfer waqt il-kors tax-xogholijiet;
6. Illi l-attur iddecieda li ma jkomplix aktar fiz-zmien meta l-konvenut ma rnexxilux jaqdih fuq it-tifel. It-Tribunal iqis din ic-cirkostanza mhux semplici bhala kumbinazzjoni;
7. Ix-xhieda mressqa mill-konvenut li kkonfermaw diskors li qalilhom l-attur dwar xoghol b'xejn qatt ma gew iccalingjati mill-attur;
8. L-attur jaccetta l-fatt li huwa kien avvicina lil zijuh biex ighinu fuq problema li nqalatlu fuq it-transfer u biex idahhal lil ibnu mal-korp tal-pulizija u li ried jirringrazjah ta' dan. Dan gie kkonfermat anke minn mart l-attur.
9. Il-konvenut kien imur ghall-attur u jwasslu lura d-dar kull darba.

Illi ghalhekk in vista tal-premess dan it-Tribunal huwa tal-fehma li l-verzjoni moghtija mill-konvenut hija aktar attendibbli f'dan il-kaz. It-Tribunal jinsab konvint li l-verita hi li l-attur offra li jahdimlu gratis lill-konvenut diment li dan ta' l-ahhar jipprovdi l-materjal kollu hu. U hekk gara hlief ghal xi materjal mixtri mill-attur biex ilesti t-tahlita ghat-twahhil tal-madum u hawn qed issir referenza ghal madwar hmistax il-xkora ramel, siment u xahx li xtara l-attur u ta' dawn il-konvenut huwa tenut li jhallas pero ghal xejn aktar. It-Tribunal ghalhekk qieghed jillikwida arbitrio buon viri l-valur ta' dan il-materjal minnhabba nuqqas ta' prova diretta fl-ammont ta' hamsin euro. Fil-fatt ma giex ipprovat li l-attur xtara xi haga ohra minn butu hlief ghal dan il-materjal imsemmi

It-Tribunal ghalhekk qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa t-talba attrici limitatament ghal fejn jirrigwarda l-valur tal-materjal minnu mixtri u konsegwentement jichad it-talba tal-istess attur fil-kumplament, kwindi jilqa l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut sakemm dawn huma kompatibbli ma din id-decizjoni, jillikwida l-ammont dovut lill-attur fl-ammont ta' hamsin Euro (€50.00) u

konsegwentement jikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attur l-ammont hekk likwidata fis-somma ta' hamsin Euro (€50.00) u jordna li l-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------